**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Ottubru 2022**

**<u>Rikors Guramentat Nru 261/2013 AGV</u>**

**RF**

**Vs**

**CF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat tal-attur R F** f' ismu proprju u ghan-nom, in rapprezentanza u f'isem ta' ibnu minuri K , N, R ,maghruf bhala K F li ppremetta s-segwenti

1. Premess illi il-partijiet kienu ilhom jikkoabitaw flimkien ghal numru ta snin fir-residenza ta' omm il-konvenuta li jisimha **MS nee' B** liema residenza tinsab gewwa l-Marsa.

2. Premess illi r-relazzjoni kienet wahda pjuttost dibattibbli minhabba li r-rikorrenti kellu l-impjieg tieghu u l-Intimata kellha l-impieg taghha pero' l-verita' hi li r-rikorrenti qatt ma hassu komdu fir-residenza ta' omm l-Intimata/ Konvenuta u diversi drabi kien hemm dizgwid bejnithom.

3. Premess illi f'dina l-inkwadratura u cioe' meta kienu ghadhom mhux mizzewgin il-kontendenti, tnissel it-tarbija li eventwalment twieled fl-Isptar Mater Dei gewwa tal-Qroqq fl- 4:15am ta nhar it-Tnejn, 7 ta' Jannar, 2008 u li ghalhekk jigi li fis-7 ta' Jannar tas-sena 2014, meta allura din il-kawza tibda formalment tinstema' dana t-tifel li nghat l-isem ta' K, N, R: liema tifel huwa maghruf bl-isem ta' **KF.**

4. Premess illi numru ta' snin wara u bazikament kwazi erba' snin wara l-kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fil-Parocca Trinita' Qaddisa gewwa l-Marsa nhar il-Gimgha 12 ta' Ottubru, 2012 skond kif jirrizulta mir-Raba' taqsima ta' din l-kawza partikolarment Dokument KNR 1 li huwa certifikat awtentiku taz-zwieg tal-partijiet kontendenti li ghandu n-Numru ta l-Iskrizzjoni 2296 dahhal nhar il-31 ta' Ottubru tas-sena 2012.

5. Premess illi b'rizultat taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti partijiet saret addenda fic-Certifikat taz-Zwieg a bazi ta' Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn

it-tifel minuri KF gie formalment rikonoxxut mill-genituri tieghu issa mizzewgin.

6. Premess illi ssir referenza ghad-dokument KNR2 li huwa certifikat tat-twelid tal-minuri KNR maghruf bhala **KF** li ghandu n-numru ta l-Iskrizzjoni 264 tal-24 ta' Jannar tas-sena 2008 u fl-annotazzjonijiet hemm indikat li dan it-tifel gie legittimat permezz ta' dokument datat l-1 ta' Novembru 2012 meta ommu formalment bidlet kunjomha u saret F u dana skond kif jirrizulta mid-dokument mehmuz fir-Raba' Taqsima ta' din il-kawza Dokument KNR 2.

7. Premess illi, abbazi ta' l-Affidavit hawn mehmuz u ndikat bhala Dokument KNR 3, ir-Rikorrenti/ Attur RF ta' tifsira fil-qosor dwar ir-rabta li huwa kellu ma' l-Intimata / Konvenuta martu, kif bdiet, kif kienu r-relazzjonijiet ta' bejnithom , id-diffikultajiet fejn kien jghix ma' omm l-Intimata, it-tnissil u t-twelid ta' ibnu K , N, R F, l-eventwali zwieg, jekk dan qattx kien zwieg u naturalment il-proceduri odjerni biex ma jissemmewx il-proceduri quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku li kienu pendenti pero' li f'Ottubru tas-sena 2013 il-Gvern Malti habbar illi t-Tribunal Ekklezjastiku m'ghadux iktar superjuri fuq il-Qorti Civili tar-Repubblika ta' Malta, vide Dokument KNR 3.

8. Premess illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet kontendenti qatt ma hadet ruh u effettivament ftit wara li sar dana l-allegat zwieg l-istess Intimata / Konvenuta inizjat proceduri quddiem it-Tibunal Ekklezjastiku, liema proceduri fil-mument li qieghda tigi ntavolata din l-kawza ta' firda legali u talbiet ancillari ghandha pendenti bid-differenza li l-Ligi issa nbidlet u t-Tribunal Ekklezjastiku m'ghadux iktar superjuri fuq il-Qorti Civili tar-Repubblika ta' Malta.

9. Premess illi ssir referenza ghal proceduri ta' Medjazzjoni pendenti li kien hemm u illi illum gew formalment maghluqa b'Digriet ta' din il-wisq Onorabbli Qorti li abbazi tal-gheluq qieghda tigi ntavolata din l-kawza odjerna.

10. Premess illi nhar l-Erbgha 9 ta' Ottubru, 2013, fl-atti tar-Rikors 539/2013-RGM, din il-wisq Onorabbli Qorti ghalqet il-Medjazzjoni u awtorizzat il-partijiet jipprocedu b'kawza, kif effettivament qieghed isir illum liema Digriet kopja legali ta' din l-awtorizzazjoni huwa mehmuz bhala Dokument KNR 7.

Premess illi r-Rikorrenti / Attur **RF** jirrisjedi wahdu fir-residenza martimonjali f' Eden Court, Appartment Number 1, fi Triq Hompesch gewwa l-Fgura, residenza li minkejja li nxtrat qabel iz-zwieg u l-Intimata / Konvenuta ghandha hamsin fil-mija ndiviz minnha, l-Intimata /Konvenuta mart ir-Rikorrenti/ Attur qatt ma rresjediet jew ghexet f'dan l-indirizz fil-Fgura ghajr ghal saghtejn ftit wara li allegatament izzewgu.

12. Premess illi CF kienet intavolat proceduri ghall-Medjazzjoni nhar it-22 ta' April, 2013, permezz ta' l-Avukat taghha l-abbli Dr Albert Zerafa liema Medjazzjoni nghalqet fil-21 ta' Awwissu 2013 skond il-fehma tal-Medjatrici Caroline Mallia: vide Dokument KNR 6.

13. Premess illi fl-atti tal-Medjazzjoni Numru 539/2013- RGM fl-ismijiet '' RF – vs- C F " f'jum l-Erbgha , 9 ta' Ottubru 2013, dina l-Onorabbli Qorti kif ipprocedu seduta stante din l-Medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b'kawza, kif effettivament qieghed jaghmel ir-Rikorrenti/ Attur odjern vide Dokument KNR 6.

14. Premess illi wiehed jinnota li l-intimata/ konvenuta CF effettivament dehret car li ma rieditx tmexxi 'l quddiem minhabba fl-ewwel lok ir-relazzjoni li hija ghadha ma' dan SA, mal-proceduri li hija kienet fethet quddiem it-Tribunal

Ekklezjastiku ( anke jekk issa x-xenarju legali tas-sitwazzjoni tbiddel radikalment) imma wiehed josserva li din il-Qorti kif ippreseduta mill-Onorevoli Robert G Mangion, LL.D, kienet iddikjarat il medjazzjoni ta' CF maghluqa w awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b'kawza u dan fit-termini mposti mil-Ligi. Illi hawn qed issir referenza ghall-Atti tal-Medjazzjoni, Ittra Numru: 516/13 permezz ta Digriet Numru 1727/13 u l-awtorizazzjoni nghatat fit-23 ta' Awwissu, 2013 u fejn naraw li CF l-Intimata odjerna baqghet effettivament ma taghmel xejn.

15. Premess illi huwa evidenti li l-Intimata/ Konvenuta hija hatja ta' vjolenza domestika, adulterju partikolarment ma' SA , ta' Vjolazzjoni tal-Artikoli 37,38, 39, 40 u 41 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ghandu jkun hemm il-konsegwenzi li nsib fir-rigward ta l-artikoli 46, 46 a, 47, 48, 52, 54 , kif ukoll 55, 55A ,56, 60, u 62 tal-Kapitlu 16 tal-Kodici Civili dejjem bir-riserva li fil-mument opportun issir it-talba ghall-applikazzjoni tal-Artiklu 66 A a bazi tas-sub-titolu IV tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant it-talbiet li ser jsegwu da parti tar-Rikorrenti / Attur ghandhom jigu milqugha bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji fir-rigward tal-Intimata / Konvenuta : CFS

16. Premess dan kollu, kif hawn fuq indikat u elenkat, tghid l-Intimata / Konvenuta **CFS** ghala din il-wisq Onorabbli Qorti ma ghandiex tevalwa, tiddetermina, tidderiegi, tiddeciedi, tordna illi:-

i. Tigi dikjarata l-firda legali bejn il-kontendenti konjugi Formosa u dan ghal ragunijiet indikati fl-Artikoli 37(2), 38, 39, 40 u 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
ii. Il-minuri ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja assoluta ta' missieru.

iii. Il-konvenuta ghandha tigi ordnata li tivversa retta alimentari ghall-istess binha.

iv. L-attur ghandu jkollu d-drittijiet ta' missier billi jsegwi l-izvilupp tal-minuri u jkollu access ghall-attivitajiet tal-minuri, u li jiehu decizjonijiet ghall-istess minuri.

v. Tapplika l-Artikolu 37(2) tal-Kap 16 fil-konfront tal-konvenuta, anke fil-parametri tal-Artikolu 2 tal-Kap 481 u taghti dawk il-provvedimenti necessarji.

vi. Il-htija ghas-separazzjoni ghadha tigi attribwita esklussivament lill-konvenuta a bazi tal-Artikoli gia' citati, inkluz l-adulterju taghha.

vii. Tilqa' t-talba ghall-firda legali b'tortijiet attribwibbli lill-konvenuta a bazi tar-rikors guramentat odjern u l-atti processwali kollha ta' din il-kawza, u kif ukoll fid-dokumentazzjoni u evidenza li tirrizulta fil-mori.

viii. Li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba l-adulterju tal-konvenuta u ghalhekk m'ghandhiex tinghata l-kura u kustodja tal-minuri.

ix. Tinhareg ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kap 12 favur l-attur u l-minuri.

x. Tiddikjara l-konvenuta hatja ta' eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi fil-konfront tal-attur, ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 16.

xi. Li kien hemm qerq fiz-zwieg da parti tal-konvenuta.

xii. Li l-konvenuta abbandunat iz-zwieg ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap 16.

xiii. Tawtorizza lill-attur jibqa' jirresjedi fid-dar matrimonjali ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kap 16.

xiv. Li d-dar matrimonjali tigi assenjata lill-attur.

xv. Tordna li l-konvenuta thallas manteniment ghall-minuri ai termini tal-Artikolu 46A, minghajr ma' jigi likwidat manteniment ghaliha.

xvi. Tordna li l-attur jinghata l-kura w kustodja esklussiva tal-minuri, ai termini tal-Artikolu 47 tal-Kap 16.

xvii. Tapplika kontra l-konvenuta d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap 16.

xviii. Tapplika ukoll kontra l-konvenuta l-Artikoli 51, 52 u 53 tal-Kap 16.

xix. Tapplika favur l-attur l-Artikoli 54(1) sa 54(8) tal-Kap 16 kontra l-konvenuta.

xx. Tapplika l-Artikolu 55 tal-Kap 16 u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

xxi. Tapplika l-Artikolu 55A tal-Kap 16 u tawtorizza lill-attur jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali.

xxii. Tapplika l-Artikoli 56 u 56A tal-Kap 16 kwantu l-kura w kustodja tal-minuri.

xxiii. Tapplika l-Artikoli 57 u 60 tal-Kap 16.

xxiv. Tapplika l-Artiklou 62 u tipprojbixxi lill-konvenuta milli tibqa' tuza' kunjom l-attur.

xxv. Tapplika l-Artikoli 62A u 66 tal-Kap 16.

xxvi. Tordna li l-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuta.

17. Il-Qorti ghandha tahtar Kuraturi Deputati fl-eventwalita' li l-intimata / konvenuta tibqa' kontumacja, fir-rigward ta' dan ir-rikors guramentat odjern, u anke fi kwalsiasi att gudizzjarju konsegwentement ghar-rikors guramentat odjern fejn l-Intimata / konvenuta, mart ir-rikorrenti tonqos li tattendi jew tidher , anke jekk dan l-allegat zwieg ikun

efftivament mahul permezz t' annullament, divorzju jew kwalsiasi procedura li effetivament ittemm iz-zwieg.

18. Tant ghandu x' jissottometti r-rikorrenti / attur R F de proprio et nomine, ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Il-Qorti ;

Rat ir-risposta guramentata ta' CF datata 10 ta' Marzu 2014,
Tesponi bir-rispett ;
Illi preliminarjament, l-eccpjenti tichad b' mod kategoriku kull allegazzjoni infonondata li qal ir-rikorrenti fir-rikors mahluf tieghu madankollu, f ' dal-istadju mhux tal-fehma li ghandha tirribatti kull punt il-gideb li azzarda jghid ir-rikorrenti , ghax zgur li r-risposta taghha tkun fera aktar voluminuza minn dar-rikors mahluf intavolat minnu.

Illi l-eccipenti taqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali, bejn il-kontendenti , izda ghal dawk ir-ragunjiet unikament attribbwibbli li-rikorrenti
Illi fir-rigward tat-tieni talba, dwar l-affediment tal-kura u kustodja tal-minuri KF l-eccipjenti, ma taqbilx li jkun fl-ahjar interess tal-minuri, li l-kura u kustodja tigi fdata f' idejn ir-rikorrenti, izda l-kura u l-kustodja ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-eccipjenti, u dana fl-ahjar interess tal-minuri, b' access favur ir-rikorrenti li ghandu jigi regolat minn dil-Onorabbli Qorti, ' ; mod illi jipprotegi l-imsemmi minuri, bin il-partijiet.

Illi f' rigwward tat-tielet talba, dwar il-manteniment pagabbli favur il-minuri, KF. peress li hu fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tigi fdata esklussivament lil eccipjenti, u peress li jkun ukoll fl-interess suprem tal-minuri

li jirrisjedi mal-omm, hu ghalhekk ir-rikorrenti li ghandu jivversa retta alimentarja lil eccipjenti, ghal ibnu KF.
Illi ma tezisti ebda raguni ghala dil-Qorti ghandha tiddikjara lil eccipjenti li vjolat l-artikolu 37 (2), 38, 39 u 40 u 41 tal-Kap. 16 liema artikoli gew vjolati mir-rikorrenti.

Illi l-ecceipjenti qed topponi ghad-disa 'talba attrici bhala infondata fil-fatt u fid-dritt billi kien propju ir-rikorrenti li kiser l-artikolu 39 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u semmai l-ordni ta ' protezzjoni taht l-artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali, u l-ordni ta'trattament taht l-art. 412 D tal-kodici kriminali, ghandhom jigu applikati kontra r-rikorrenti u favur l-eccipjenti binha minuri.
Illi ma jezistu ebda cirkostanzi ghala r-rikorrenti ghandu jinghata dritt ta' abitazzjoni il-fond matrimonajli, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, minhabba li r-rikorrenti irrenda ruhu hati lejn l-eccipjenti ta' vjolenza, swat, u adulterju, sevizzi, u ingurji gravi, u minacci, ghalhekk huwa r-rikorrenti li ghandu jigi ordnat sabiex b ' mod definittiv, jallonta ruhu minn dal-fond.
Illi l-eccipjenti topponi l-erbatax il-talba u semmai d-dar matrimonajli ghandha tigi assenjata lil eccipjenti minhabba nuqqasijiet serji da parti tar-rikorrenti, inkluz vjolazzjoni tal-artikoli 37 (2), 38, 39, 40 u 41 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
Illi l-eccipjenti topponi ghal hmistax-il talba rikorrenti, billi kif diga inghad hu fl-ahjar interess tal-minuri li jirrisjedi mal- omm u ghaldaqsrtant huwa propju r-rikorrenti li ghandu jforni manteniment lil eccipjenti ghal ibnu, Keerin Formosa.
Illi ma jezisti ebda raguni ghala s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48, 51 u 52, 53 u 55 A tal-Kap 16 tal-Ligijet ta' Mlalta, ghandhom jigu applikati kontra l-eccipjenti, liema sanzjonijiet pero' ghandhom jigi applikati fil-konfront tal-istess rikorrenti.

Illi lanqas ma tezisti raguni ghala l-artikolu 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi applikat kontra l-eccipjenti, liema disposizzjoni ghandha tigi ukoll applikata fil-konfront tar-rikkorenti.

Illi l-eccipjenti taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejn l-partijiet, tigi dikjarata xolta, u li din tigi likwidata u diviza bejn il-partijiet, bl-eventwali bejgh b' licitazzjoni ta' dak kollu li mhux kommodament divizbbli, u bl-ammissjoni ta' oblaturi estrajeni, u dana kollu okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lir-rikorrenti fl-eventwali kontumacja, fuq l-istess att, b' dana li kif ga' inghad, ma tezisti ebda raguni ghala s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, citati mir-rikorrenti, ghandhom jigu applikati in toto jew in parte kontra l-eccipjenti. Liema sanzjonijiet pero ghandhom jigu applikati fil-konfront tar-rikorrenti, billi ukoll tigi stabbilita data li minnha r-rikorrenti jitqies li ddekada minn kull akkwisti maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-eccijenti. In oltre' dil-Onroabbli Qorti, ghandha tordna lir-rikorrenti, jirrestriwixxi lil eccipejnti, l-beni u krediti parafernali, u dotali taghha.

Illi lanqas ma tezsti ebda raguni ghala l-aritkoli 54, 56 u 56 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu applikati kontra l-eccipjenti, liema disposizzjonijiet ghandhom jigu applikati kontra r-rikorrenti.

Illi ukoll ma tezisti ebda raguni ghala dil-Onorabbli Qorti, ghandha tuza' id-diskrezzjoni taghha fir-rigward tal-artiklolu 62, sub artikolu 2 tal-Kap 16 Ligijiet ta' Malta.

Illi l-eccipjenti l-kumplament, tat-talbiet tar-rikorrent, huma dikjarati bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna, ghandhom jigu sopportati b' mod esklussiv mir-rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ukoll ir-Rapport Peritali ta' Dr.Keith Borg datat 16 ta' Ottubru, 2015.[1]

Rat ukoll ir-Rapport Perital ta' Dr. Keith Borg datata 23 ta' Frar, 2021.

Rat is-sentenza tal-Imhallef Robert G Mangion , datata 24 ta' Mejju 2018, dwar ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat illi din il-kawza qed tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra bejn l-istess partijiet f'ismijiet inversi, Rik. Nru 264/13, u ghalhekk il-provi mressqa f'wahda bl-istess mod jghoddu ghall-ohra.

**IKKUNSIDRAT:**

**FATTI**

1.L-attur iltaqa' mal-konvenuta f' bar Birzebbuga tramite hbieb komuni. Bdew jiffrekwentaw lil xulxin u xi snin wara ddecidew li jixtru appartament flimkien u kienu xtraw art il-Fgura. Kellu post tieghu li kien biegh u uza l-flus biex jaghti depozitu bil-quddiem fuq dina l-proprjeta', filwaqt li missieru kien sellfu Lm5,000.

Il-konvenuta kienet bieghet il-karozza taghha sabiex tkun tista' thallas il-bolol fuq il-post. Bdew jirrangaw u jibnu l-post u fl-istess waqt kienu

[1] A fol. 672 tal-process

ddecidew li jibdew familja. Minn wara li twieled it-tifel, il-konvenuta kienet bdiet twarrbu, jghid l-attur, kienet tiehu hsiebu bin-nhar, imbaghad kienet spiccat li filghaxija dejjem tghid li hi ghajjiena u kien jiehu hsiebu hu. Imma fil-weekends specjalment, jekk kien ikun hemm xi party, il-konvenuta kienet taqbad u tohrog u tidhol fis-sieghat bikrin ta' filghodu.

Ighid li l-konvenuta kienet ukoll tevita li jkollhom relazzjonijiet intimi u kienet issib l-iskuzi. Imbaghad kienu zzewwgu u ghalih iz-zwieg kienet farsa ghaliex m'ghamlux iktar minn saghtejn fid-dar li suppost kellha tkun id-dar taz-zwieg taghhom. Kienet trid tibqa' tghix ghand ommha fejn kellhom ihallsu €300 fix-xahar. Kien jahseb li l-kagun ta' dan kollu kien minhabba li kellha relazzjoni ma' certu S.

Ighid li l-konvenuta kienet bdiet icahhdu milli jara lit-tifel, izda mbaghad bl-intervent tal-Qorti rnexxielu jarah.

L-attur jikkonferma li jithallas is-salarju tieghu permezz ta' cekk u peress li kien hareg digriet ghall-manteniment kien tah istruzzjonijiet lill-employer tieghu sabiex is-salarju jibda jithallas b'cekk minflok *standing order*. Dan kien minhabba li kellu tlett loans u ma ridx li l-bank jaqbadlu l-paga.

Bhala paga jikkonferma li jaqla' €227 f'idejh kull gimghatejn wara li jinqata' l-manteniment u l-hlasijiet taz-zewg loans li jammontaw ghal €112.60 u €61.60 fix-xahar.

Ighid li l-paga tieghu mhix sufficjenti u ghandu bzonn iktar introjtu sabiex ilahhaq.

Ipprezenta kontijiet tal-HSBC Bank numru 056-075146-050.[2]

[2] Dok. X 1

Dwar l-access ighid li kien suppost jigi ezercitat it-Tlieta u l-Hamis u l-weekend darba s-Sibt u darba l-Hadd, izda nhar ta' Tlieta u l-Hamis it-tifel kien ikollu l-Muzew u ma kienx imur ghalih.

Jichad li rega' ghamel rikors sabiex ikollu access fil-weekend ghax ma kienx jaf il-granet.

Illum ighid li r-relazzjoni mat-tifel minuri mhux mill-ahjar. Jinnega li jhallih hafna wahdu meta jkun ghandu jew mal-membri tal-familja tieghu.

Ighid li ma jsibx problema biex ihallas ghall-ispejjes tal-edukazzjoni u tas-sahha, izda mhux l-ispejjes tal-futbol ghax ma jinteressahx dan id-delizzju.

Fil-mori tal-proceduri jghid li l-kontijiet tal-loan fuq id-dar matrimonjali kien jithallas bejniethom, filwaqt li hu kien jiehu hsieb il-kontijiet tal-Arms Ltd.

L-attur jikkonferma li kien ghalaq polza ta' assikkurazzjoni li kellu fis-somma ta' €9,353 u sarraf il-flus fid-19 ta' Frar, 2013. Kien iddepozita dawn il-flus fuq il-loan li kellhom flimkien tad-dar, izda meta ntebah li kienu gejjin il-problemi, kien rega' sarrafhom u zammhom. Jikkonferma li kellu insurance ohra u kien gibed il-flus u l-istess kien ghamel, iddepozitahom fil-*joint account* tal-loan, imbaghad rega' sarrafhom u zamm il-€5,000 hu.

Dwar il-karozza Peugeout ighid li kien xtraha bil-flus tieghu u dan kien bejn €5,000 u €6,000.

2.Il-konvenuta kkonfermat li hi tahdem bhala machine operator ma' Carlo Cavazzi full-time u tikkonferma li l-paga taghha hija ta' €300 kull gimaghtejn netta. Tghid li ilha f'dan l-impjieg ghal disa' snin u in kwantu jirrigwarda t-tifel, tametti li tiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu. Apparti t-€300 fix-xahar li tircievi bhala manteniment minghand zewgha l-attur, tonfoq

iktar, biss biss ghandha xi €50 fil-gimgha f'ikel. Peress li tghix ma' ommha, thallas ukoll €30 kull gimaghtejn ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Tghaddi lil ommha ukoll €100 fix-xahar biex tixtrilha l-ikel ghat-tifel,

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, kif ukoll tal-isports kienet thallas cirka €2,000 fis-sena u tinsisti li l-attur qatt ma hallas ghal dawn l-ispejjes. Tlahhaq mal-hajja peress li l-genituri taghha jghinuha finanzjarjament, minkejja li missierha huwa pensjonant.

Tikkonferma ukoll li kien hemm okkazzjoni fejn Monica Azzopardi l-HR Manager fejn kien jahdem l-attur kienet bghatitilha sms sabiex tikkonfermalha li bi zball kienu baghtu c-cekk tal-attur lill-konvenuta u dan gie kkonfermat mill-attur.

Il-konvenuta tinnega li ghandha paga ikbar mill-attur u tghid jekk l-ispiza mensili hija wahda pjuttost kbira, tghid li tkampa minhabba li ssib l-ghajnuna ta' missierha.

Dwar it-tkeccija tal-impjieg tal-attur, tghid li hu kien ighidilha li keccewh peress li ma kienx hemm xoghol u qatt ma semma raguni ohra. Hi kienet tissuspetta li l-attur kien jiehu xi oggetti minn fuq ix-xoghol u tahseb li dina kienet ir-raguni peress li nies li dahlu warajh baqghu impjegati u hu le.

Meta kienu xtraw il-post kienet hadet €15,000 u kienet tatha €6,000 ommha. Dan huwa nnegat mill-attur.

**3**.Monica Azzopardi in rapprezentanza ta' Kordin Gran Terminal Co. Ltd. Li tokkupa l-kariga ta' HR Manager, ipprezentat kuntratt ta' impjieg ta' Richard Formosa, kif ukoll il-payslips ghas-sena 2014.[3]

Kien jahdem overtime ukoll.[4] Tispjega ukoll illi bl-gholi tal-hajja l-*basic gross wage* tal-attur huwa ta' €225. 58 fil-gimgha.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti tirrileva illi a skans ta' ripetizzjoni mhux ser terga' taghmel sintesi tax-xhieda li nstemghu quddiem il-perit legali Dr. Keith Borg, peress li fir-rapport mhejji minnu ghamel sintesi tal-istess xhieda u ghaldaqstant ser tehodhom in konsiderazzjoni ai finijiet tad-decizjoni taghha.

## RESPONSABBILITA'

L-attur jiddebita lil martu l-vjolenza domestika, l-adulterju, l-eccessi, il-mohqrija, it-theddid, l-offizi gravi, it-tkissir irrimedjabbli u l-abbandun, filwaqt li l-konvenuta taddebita lill-attur l-adulterju, it-theddid, is-sevizzi, l-eccessi, l-ingurji gravi, l-inkompatibilita' tal-karattru.

Il-Qorti tibda biex tghid li l-ewwelnett, il-partijiet ma tantx tefghu hafna dawl fuq iz-zwieg taghhom u kif wasal biex tkisser. Huwa minnu li dan iz-zwieg ma damx izjed minn hames xhur u l-partijiet donnhom iktar iffukaw fuq il-problemi li kellhom bejniethom meta kienu jikkoabitaw.

L-unici problemi li semmew il-partijiet kienu indirizzati mill-attur li l-konvenuta kellha wicc haddiehor u ghall-konvenuta l-attur kellu problema tax-xorb eccessiv u dan wassal ghall-firda bejniethom.

---

[3] Doks. MA1- MA 2
[4] Dok. MA 3

Wara li dina l-Qorti gharblet sew il-provi mressqa f'dina l-kawza, taqbel ma' dak li gie konkluz u rrakkomandat mill-perit legali Dr. Keith Borg u cioe' li mill-provi ma gewx ippruvati li kien hemm xi estremi li waslu ghal dina s-separazzjoni, ghajr ghall-adulterju u l-mohqrija.

**ADULTERJU**

Mhux ikkontestat li llum il-konvenuta qiedgha f'relazzjoni ma' SA , izda tinnega li dina r-relazzjoni bdiet waqt iz-zwieg. L-attur jirribatti din l-allegazzjoni, tant li jinsisti li martu l-konvenuta kienet ilha mieghu sa minn qabel iz-zwieg, izda ma gabx provi konkreti fuq dan.

RS kugina tal-konvenuta kkonfermat li l-konvenuta kienet f'relazzjoni ma' A pero' ma setghetx tikkonferma jekk kinitx ilha mieghu sa minn qabel iz-zwieg.

Il-fatti jidhru li sa ftit wara li kien hemm separazzjoni *de facto,* il-konvenuta kienet qed tkun fil-presenza ta' A u dan sahansitra anke attenda ghall-precett tat-tifel.

L-attur isemmi ukoll li r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu prattikament inezistenti.

Ghalhekk, mill-kumpless tal-provi u fuq bazi ta' probabilita' dina l-Qorti qed tikkonkludi li kien hemm adulterju, li wassal biex kisser dan iz-zwieg b'mod irrimedjabbli.

**MOHQRIJA**

Dwar il-mohqrija, dina l-Qorti ser ticcita direttament mir-rapport peritali ta' Dr. Keith Borg li rrakkomanda hekk :-

*« Dwar il-mohqrija, ghall-esponenti huwa inekwivoku mill-atti processwali illi z-zwieg odjern kien karatterizzat minn agir sevizzjevoli perpetrat minn RF, liema agir sevizzjevoli jikkonsisti fil-konsum da parti ta' R ta' xorb alkoholiku abbinat mal-ghazla tal-istil ta' hajja, u cioe' l-hrug ma' hbieb jew kollegi tieghu, minflok l-ghazla ovvja li tinghata priorita' familtu. Jemergi mill-provi illi R F kien jixrob regolarment, indipendentement mid-doza, tant illi l-kontendenti rrikorrew ghand tabib proprju minhabba dan il-fatt. Tali rikors, ghall-esponenti jfisser haga wahda : li l-vizzju kien wasal fl-insopportabbli u kien qieghed jimpingi fuq il-koabitazzjon tal-kontendenti. Tenut kont pero' d-durata qasira tal-konvivenza matrimonjali tal-kontendenti, l-istanti ma jhossx illi kien proprju dan il-fatt li wassal ghat-tkissir irrimedjabbli ta' dan iz-zwieg ; zgur pero' li ghad li ma tax il-coupe de grâce lir-relazzjoni tal-kontendenti, kien fatt kontributorju. »*

L-istess tabib kuranti tal-attur ukoll ikkonferma li wara li kien ezaminah, kien ikkonferma li l-attur kien xorob b'mod eccessiv u kellu bzonn jillimita dan il-vizzji, pero' ma kienx hemm problemi ta' alkoholizmu.

Ghalhekk dan l-addebitu gie ppruvat mill-konvenuta fil-konfront tal-attur.

**<u>DEKADENZA</u>**

Kif accenna l-perit legali Dr. Keith Borg, il-ligi tohloq distinzjoni bejn id-dekadenza konsegwenzjali ghall-adulterju u/jew abbandun hekk kif kontemplata fl-Art.48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u d-dekadenza konsegwenzjali ghall-addebiti skond l-Artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif

ikkontemplati fl-Artikolu 51. Filwaqt illi fl-ewwel kaz, id-dekadenza tapplika *ex lege,* fit-tieni kaz l-applikazzjoni tad-dekadenza hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li fil-konfront tal-konvenuta ghandu japplika l-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ghall-adulterju u l-istess ghandu japplika l-Artikolu 51 fil-konfront tal-attur in kwantu jirrizulta li kien hemm l-addebitu tal-minacci.

**KURA U KUSTODJA**

Il-minuri K F  llum jghix mal-konvenuta u l-attur ma kkonfondiex jammetti li r-relazzjoni ma' ibnu mhux mill-ahjar.

Il-konvenuta ssostni ukoll li kemm il-darba l-attur ma kienx konsistenti fl-access. Jirrizulta ukoll li l-attur mhuwiex interessat fl-edukazzjoni u l-attivitatjiet extra-kurrikulari tat-tifel minuri, tant li anke wasal sabiex ammetta li ma jhossx li ghandu jikkontribwixxi ghal dawn l-attivatijiet ghaliex lilu ma jinteressawhx, haga li thasseb lil dina l-Qorti. Dina l-Qorti tfakkar lill-attur li l-access mhuwiex biex jiehu gost hu, izda biex ikollu l-opportunita' li jgawdi lil ibnu u jqatta' ftit hin mieghu u jippartecipa f'dak li joghogbu t-tifel.

Meta dina l-Qorti ghandha tiddeciedi fuq l-kura u kustodja tal-minuri, dejjem ghandha tiehu in konsiderazzjoni x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri u jekk l-attur ihoss li r-relazzjoni mhix tajba u lanqas huwa lest biex jaghmel sagrifficji u jattendi ghal dak li joghgob lill-minuri, indubbjament l-kura u kustodja ghandha tkun esklussiva ghall-konvenuta.

**ACCESS**

Dwar l-access jidher li l-partijiet lahqu *modus vivendi* li kkonfermaw fis-seduta quddiem dina l-Qorti fl-20 ta' Novembru, 2019 li l-access ghall-attur qed jigi ezercitat darba s-Sibt u darba l-Hadd b'mod alternattiv u dan bejn id-9 am sas-2.30 pm.

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li minn dejjem kien hemm problemi bejn il-partijiet fuq l-access, stante li l-attur mhux dejjem aderixxa ma' dak ordnat mill-Qorti.

Il-Perit Legali rrakkomanda li l-access ghandu jkun liberu, b'dana li l-attur ghandu jaghti rendikont tal-granet u hinijiet li fihom ikun jista' jara li ibnu, b'limitazzjoni ta' sieghat.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dina r-rakkomandazzjoni stante li l-attur mhux persuna affidabbli in kwantu jirrigwarda l-hinijiet tal-access. Ghaldaqstant, ikun iktar opportun li ghandu jkollu darba fil-gimgha bejn l-5pm sat-8pm u b' dana ghandu jinforma lill-konvenuta, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod iehor.In kwantu ghal weekend dan ghandu jibqa' jigi ezercitat kif qed issir illum u cioe' darba s-Sibt u darba l-Hadd b'mod alternattiv bejn id-9am sas-2.30pm.

Il-progress tal-access ghandu jigi segwit milll-avukat tat-tfal u meta jirrizulta li hemm progress, fil-weekend, jista' jkun hemmm dritt ta' sleepover bejn il-gimgha u s-sibt u b'mod alternattiv bejn is-sibt u l-hadd bejn is-6pm sa l-ghada fit-3pm.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Rigward il-hlasijiet ta' manteniment, jirrizulta li l-attur mhux dejjem kien regolari fil-hlasijiet tieghu. Kif diga' rrilevat dina l-Qorti, l-attur hass li ma kellux ihallas ghall-ispejjes tal-futbol, ghax ma joghgbux.

Il-Qorti kellha okkazzjoni tikkunsidra l-manteniment li ghandu jkun dovut mill-attur ghall-minuri minhabba diversi rikorsi li gewipprezentati, fejn ikkonkludiet li l-attur ghandu jhallas €300 kull xahar ghal istess minuri.

Il-paga tal-attur hija ta' €227 kull gimghatejn wara li jithallas il-manteniment, kif ukoll iz-zewg loans li jammontaw ghal cirka €170.

Il-konvenuta xehdet li tircievi paga ta' €330 gross kull gimaghtejn u maghhom tghid li kellha zzid il-flus ghaliex ma kinux iservuha. Meta tahdem is-sahra dina s-somma titla' ghal €430 kull gimaghtejn.

Jirrizulta ukoll li l-attur kien ihallas anqas manteniment jew ma kienx ihallas ghas-sehem tieghu mill-edukazzjoni u s-sahha, Il-konvenuta tammetti ukoll li kellha titlob ghall-ghajnuna finanzjarja minghand il-genituri taghha,

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni dawn l-aspetti kollha sakemm waslet ghas-somma ta' €300 fix-xahar u jirrizulta li skond il-mezzi tal-attur, dina s-somma ghandha tigi kkonfermata.

Il-perit legali Dr. Keith Borg irrakkomanda ukoll li dina s-somma ghandha tinkludi fiha l-ispejjes ta'edukazzjoni, sahha u extra-kurrikulari ta' natura ordinarja. Jissugerixxa ukoll li l-ispejjes extraordinarja ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

Wara li qiset l-assjem tal-provi dina l-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-perit legali Dr. Keith Borg u tordna li l-manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-attur, skond Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>ARRETRATI TA' MANTENIMENT</u>**

Il-Qorti qieset ir-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali Dr.Keith Borg, kif  ukoll is-sottomissjonijiet imressqa mill-attur u tikkonferma li wara li gharblet sew l-assjem tal provi l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €3,350.60 rigward arretrati ta' spejjes ta' edukazzjoni u sahha, kif ukoll is-somma ta' €2,520.04. [5]

**MANTENIMENT GHALL-KONVENUTA**

Tul is-snin li mxiet dina l-kawza l-konvenuta dejjem hadmet u ghalhekk m'hemmx dubbju fuq il-kapacita' lavorattiva taghha. Inoltre, fil-mori tal-proceduri, il-konvenuta qatt ma talbet ghall-manteniment.

Ghaldaqstant, peress li l-konvenuta hija kapaci li tkun ekonomikament indipendenti ma hemmx il-htiega li tircievi retta alimentari minghand l-attur.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Fil-maggoranza taghhom, il-pretensjonijiet taghhom jinvolvu prelevamenti fuq id-dar matrimonjali. Fil-mori tal-kawza, id-dar nbieghet permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Katya Bezzina datat 18 ta' Novembru, 2020.

A. Il-prelevamenti pretizi mill-attur huma s-segwenti:-

ii) €11, 646.87 li nghataw minn missier l-attur AF lilu, liema ammont gie kkonfermat mill-istess missier, kif ukoll gie pprezent cekk "1284" (6 ta' Marzu, 2008);

iii) €30, 281, 85 kif jirrizulta mic-cekk "1272" (3 ta' Marzu, 2008);

---

[5] Fol.116 u 293

iv) €3, 838,72 kif jirrizulta mic-cekk “1283” (6 ta’ Marzu, 2008);

v) Kreditu parafernali ta’ €8, 983.16 u €5, 000.

Il-Qorti taqbel ma’ dak konkluz mill-Perit Legali u cioe’ li dawn l-pretensjonijiet tal-attur gew ippruvati fuq bazi ta’ probabilita’, anke peress li l-konvenuta qatt ma ressqet provi sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti li kienu hallsu f’ishma ndaqs.

Ghaldaqstant, jirrizulta ppruvat li hemm total ta’ €59, 750.60 krediti favur l-attur.

vi) l-attur qed jitlob ukoll ir-rifuzjoni ta’ €396.08 li talab fir-rikors li pprezenta fil-5 ta’ Awissu, 2022, fejn fir-risposta taghha, il-konvenuta ammettiet li dina s-somma hija dovuta fil-konfront tal-attur. Fuq spjegazzjoni tan-nutar Dr. Katya Bezzina, dan gie kkonfermat ukoll.

Ghaldaqstant, il-konvenuta ghandha tirrifondi lill attur l-istess somma ta’ €396.08.

B. Il-pretensjonijiet tal-konvenuta jikkonsistu fis-segwenti :-

i) €13,976.24 (Lm6,000) li skond il-konvenuta nghatawlha minn ommha u dan gie kkonfermat mill-istess omm il-konvenuta, kif ukoll minn kuginitha RS ghalhekk jirrizulta soddisfacentement ippruvat.

ii) €15,140.93 u dan jirrizulta skond bank draft 662177 (7 ta’ Marzu, 2008) u mid-dokumentazzjoni esebita fil-mori tal-kawza, jirrizulta li dan l-ammont huwa dovut.[6]

[6] Ara inter alia fol. 287 et seq.rikors guramentat 264/13.

C. Dina l-Qorti taqbel ukoll mal-konkluzzjonijiet milhuqa mill-perit legali Dr. Keith Borg in kwantu ghall-pretensjoni tal-attur ghar-rifuzjoni tas-somma ta' €174.47 imhallas minnu in eccess tas-somma mhallas mill-konvenuta kontra s-self bankarju u s-somma ta' €227.91 imhallsa minnu ghall-utenzi fid-dar matrimonjali.

Il-Perit Legali jirrakkomanda li dawn il-flus mhux dovuti u dan minhabba li mexa fuq dak li gie nsenjat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Antoine Portelli vs Marthese sive Merthis Portelli**[7] :-

*« L-appellant jilmenta ukoll mill-fatt lil-ewwel Qorti naqset li taghti widen ghall-pretensjoni ta' rifuzjoni ta' nofs l-ammont kollha minnu mhallsa kontra l-passiv bankarju tal-komunjoni tal-akkwisti favur il-Bank Banif… »*

Ghaldaqstant peress li dawn l-ammonti thallsu mill-komunjoni, il-passiv thallas u ghalhekk m'hemmx iktar fondatezza ghal din il-pretensjoni.

**KONTIJIET BANKARJI**

Kulhadd ghandu jzomm il-kontijiet bankarji personali tieghu, filwaqt kwalsiasi fondi li jinsabu f'kontijiet kongunti bejn il-partijiet ghandhom jinghalqu u jinqasmu bejn il-partijiet.

**VETTURI**

Jirrizulta mir-rizultanzi processwali li bhala vetturi u mobbli ohra jirrizultaw is-segwenti:-

[7] Antoine Portelli vs Marthese sive Merthis Portelli, 31 ta' Mejju, 2019 Rik. Nru. 15/13 RGM

i) Vettura Peugeot 308 ghas-somma ta’ €9, 800 u jirrizulta li l-attur kien hallas parti mill-prezz (€3, 500) bl-ghoti lid-dealer tal-vettura Mitsubishi Pajero li huwa kien akkwista qabel iz-zwieg.

ii) Dinghy.

Il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali li dawn il-mobbli ghandhom jinzammu mill-attur, b’dana pero’ li ghandu jghaddu sehem il-konvenuta wara li ssir id-debita valutazzjoni tal-istess. Jirrizulta pero’ li €3500 huma parafernali ghall-attur.

L-attur isemmi diversi mobbli li qedghin fil-pussess tal-konvenuta u ghandhom jitraddu lilu. Dawn huma elenkati f’pagna 9 tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-attur.

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

1.Tilqa’ l-ewwel talba attrici minhabba ragunijiet ta’ adulterju kommess mill-konvenuta.

2. Tichad it-tieni talba attrici.

3. Tichad it-tielet talba attrici.

4. Tichad ir-raba’ talba attrici.

5. Tichad il-hames talba attrici.

6. Tilqa’ s-sitt u seba’ talba attrici in kwantu l-attur qed jinzamm responsabbli ukoll ghat-tifrik taz-zwieg minhabba minacci.

7. Tilqa’ t-tmien talba attrici, izda m’ghandhiex tigi nnegata mill-kura u kustodja esklusivva tal-minuri.

8. Tichad id-disa’ talba attrici.

9. Tichad l-ghaxar, il-hdax u t-tnax it-talba attrici.

10. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni mit-tlettax u erbatax-il talba attrici stante li llum id-dar matrimonjali nbieghet.

11. Tichad il-hmistax u sittax-il talba attrici.

12. Tilqa’ s-sbatax u tmintax-il talba attrici.

13.Tilqa’ d-dsatax-il talba attrici.

14. Tilqa’ l-ghoxrin talba attrici.

15. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-wiehed u ghoxrin talba attrici, stante li d-dar matrimonjali nbieghet.

16. Tichad it-tnejn u ghoxrin talba attrici.

17.Tilqa’ t-tlieta u ghoxrin talba attrici sa fejn applikabbli.

18.Tichad l-erbgha u ghoxrin talba attrici.

19. Tilqa’ l-hamsa u ghoxrin talba attrici.

20. Tilqa’ s-sitta u ghoxrin talba attrici in parte in kwantu l-ispejjes ghandhom jinqassmu in kwantu zewg terzi ghall-konvenuta u terz ghall-attur.

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**